KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara**

# It-9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 1/2024**

4 ta' Lulju 2024

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru, 1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Speranza Chircop | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Vincent Bongailas | - Kunsillier |
| Nadine Micallef | - Kunsilliera |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Etienne Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sinjura Speranza Chircop bħala l-aktar persuna anzjana tal-Kunsill ippresediet il-bidu tal-laqgħa.

**1.24.1 Ħatra u ġurament tas-Sindku u Viċi Sindku**

Dr Sandra Sladden, Kummissarju tal-Ġustizzja kienet mistieden sabiex waqt l-ewwel seduta tad-disa' leġislatura, is-Sur Wayne Aquilina u s-Sur Vincent Bongailas jaqraw l-aċċettazzjoni tagħhom bħala Sindku u Viċi Sindku rispettivi.

Is-Sur Aquilina u s-Sur Bongailas aċċettaw il-kariga ta' Sindku u Viċi Sindku fid-9 leġislatura ta' dan il-Kunsill rispettivament. Wara ttieħed il-ġurament u biesu s-salib bħala konferma ta' dak li qraw u iffirmaw kemm huma u l-Kummissarju tal-Ġustizzja preżenti quddiem il-kumplament tal-Kunsill.

Il-Kunsilliera preżenti kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv ferħulhom ta' din l-aċċetazzjoni li ser tkun qed tiftaħ Kunsill elett ġdid mir-residenti Kalkariżi għal dawn il-ħames snin li ġejjin.

**1.24.2 Tqassim u aċċetazzjoni tad-dekasteri**

1.24.2.1 Is-Sur Wayne Aquilina, is-Sindku elett saħaq illi d-dekasteri ġew mqassmin hekk kif hu jaħseb li hu l-aħjar għal kull kunsillier elett pero ma jeskludiex il-fatt illi minn żmien jagħmel xi tibdiliet.

Id-dekasteri ġew mqassma f'din l-ordni:

**Is-Sur Wayne Aquilina, is-Sindku**

- It-tmexxija tal-lokal u r-rappreżentant primarju tal-Kunsill Lokali u l-lokalita'
- L-ambjent
- L-indafa, manutenzjoni u ż-żamma tal-lokalita'
- Proġetti
- Fondi u finanzi
- Kultura u storja
- Innovazzjoni u teknoloġija
- Enerġija
- Negozji u Entitajiet fil-Komunita'
- Is-Sigurta'
- L-identita' korporattiva
- L-Attivitajiet ġenerali
- Relazzjonijiet pubbliċi

**Il-Viċi Sindku Speranza Chircop**

- Tassumi r-responsabilitajiet fin-nuqqas tas-Sindku
- L-Anzjani u l-Anzjanita' Attiva
- It-Transport
- Is-Saħħa
- Iż-Żona ta' Santu Rokku

**Is-Sinjura Maria Sultana, Minority Leader**

- Iż-żgħażagħ u t-tfal
- L-Edukazzjoni
- L-Għaqdiet
- Karrieri
- Drittijiet taċ-ċittadini

**Is-Sur Vincent Bongailas, Kunsillier**

- Sport u attivitajiet fiżiċi
- Il-Qasam soċjali
- Persuni b'diżabilita' u vulnerabli
- Il-Volontarjat

**Is-Sinjura Nadine Micallef, Kunsilliera**

- L-Ippjannar u l-infrastuttura
- Ħarsien tal-annimali
- Turiżmu u integrazzjoni soċjali
- Fondi Ewropej

Il-Kunsilliera ħadu n-nota tad-dekasterni assenjati lilhom u ddiskutew xi punti dwar u qablu mad-dekasteri li ġew assenjati lilhom.

**1.24.3 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

1.24.3.1 Is-seduta ntemmet fil-10.45am wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 23 ta' Lulju 2024, fil-5.00pm. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati, illum 23 ta' Lulju 2024

**Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Etienne Scicluna**
**Segretarju Eżekuttiv**